**Taqsima Ċ: LINGWA**

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

1. Qiegħed dawn is-sentenzi fil-**passat**:

a. Sieħbi jiekol ħobża kuljum.
b. Oħti trid tixtri dar żgħira.
ċ. Jien immur sal-Belt Valletta.
d. Is-surmast jgħid it-talba filgħodu.
e. Aħna nisimgħu l-aħbarijiet minn fuq ir-radju. **(10 marki)**

2. Daħħal wieħed mill-**pronomi**:
int, hu, hija, huma, liema, kulma, dawn, min, lilu nnifsu, lilha nnifisha

a. _____ ipejjep ikun qed jagħmel ħsara ____.
b. _____ ħareġ kmieni iżda ____ waslu tard.
ċ. _____ taf ____ wieħed minnhom kien marad?
d. _____ għamlet ħsara ____.
e. _____ għamlu għamluh għal ____ l-orfni. **(10 marki)**

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' *Security Guard*

# Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** It-Tlieta 21 ta' Lulju 2020

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet, Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu it-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Waqt maltempata.
b. Il-flus mhux kollox.
ċ. Meta kont żgħir.
d. Inħobb nistad.
e. Kompli din l-istorja. "Ħassejt kesħa kbira u d-dlam kont taqtgħu b'sikkina...........
f. Fi ġnien tal-fjuri.

**(40 marka)**

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

Ir-raġel ittewweb u għorok għajnejh. Iżjed milli għax għejja, ħasel iddejjaq jaqra u jikteb, jaqra u jikteb qisu mingħajr waqfa ta' xejn. Sewwa sew, ngħiduha kif inhi, mhux għax iddejjaq. Iżda meta kien jaf li '**iż-żgħira**' qiegħda magħhom ma jkollux sabar jekk ma jitlaqx kollox minn idu u jmur ftit ħdejha.

Fejn is-soltu ara min ifixklu hu u jaħdem, issa telaq kollox minn idejh bla kien għadu lest u ħareġ barra mill-istudju tiegħu mimli kotba, fajls u karti madwar il-kompjuter, u niżel ħdejn l-oħrajn.

Martu kienet fil-kċina, tħejji l-ikel għall-bqija tal-familja li dalwaqt jibdew jaslu. '**L-omm il-ġdida**' kienet magħha, tgħinha. Iż-żgħira kienet fil-premm tagħha, taqbad u tteftef il-ġnub waqt li tiġbed biex tqum. Għax issa li bdiet titfarfar xi ftit saret tiddejjaq wiċċha 'l fuq, ixxejjer idejha u riġlejha 'l hemm u 'l hawn qishom raddiena, filwaqt li tingħi biex turi li wasal il-ħin li xi ħadd jagħti kasha u jerfagħha.

Resaq għal fuqha, taha sebgħu l-werrej ħalli taqbad miegħu biex jgħinha tqum fuq qaddha, hi u tħallat it-tqanżiħa u l-isforz ma' tbissima li tħollok.

M'għandniex xi ngħidu wiċċu xegħel kif sar jagħmel kull darba li jaraha, l-iżjed meta tkun rieqda mistrieħa fi sliem li trabi tamparha biss jafu x'ikun. Kemm kien jixxennaq għal dak is-sliem li forsi seta' jgħinu jtaffi l-problemi li jkollu jħabbat wiċċhom magħhom ta' kuljum! Imbagħad meta kien iħares f'għajnejha griżi mimlijin mistoqsijiet li t-tarbija ma setgħetx tfissirhom bi kliem, qalbu kienet tfur u kien jagħmel ħiltu biex jibdlilha dawk il-mistoqsijiet fi tbissima li tgħaxxaq.



Ġibidha iżjed bil-mod lejh, jaraha dejjem iżżid fis-saħħa, igedwed waħdu hu wkoll ħwejjeġ ma jiftehmux bi tweġiba għat-tgedwid tagħha. Kien jinħasad meta xi ħin jaraha se jaqbadha ftit tas-sulluzzu, taqleb imbagħad għal nofs xerqa, biex imbagħad jieħu r-ruħ hekk kif tibda żżebbeġ iżjed lejn naħa u oħra hi u tintelaq lura.

"X'tikber, l-imbaċċa tagħna," qal b'inkejja filwaqt li reġa' taha sebgħu ħalli terġa' titħajjar taqbad miegħu. "Iżda qisna m'aħniex qegħdin inkellmuha biżżejjed. Din jinħtiġilha tismagħna nitkellmu magħha biex tkun tista' tibda tifhem il-kliem sħiħ. B'hekk titgħallem tgħidu hi stess."

Test meħud minn Lino Spiteri: **Stejjer għal Valentina**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

a. L-awtur ma kienx jiddejjaq meta jiġi mġiegħel jieqaf minn xogħlu.

b. Il-mara tal-awtur kienet qiegħda weħidha fil-kċina.

ċ. L-awtur xtaq li kellu l-ħila li jitbissem bħat-tarbija.

d. Meta t-tarbija kien jaqbadha s-sulluzzu ma kienx jagħti kasha.

e. L-awtur kien jemmen li jekk it-tarbija tisma' l-kliem tibda titgħallem tużah hi wkoll.

**(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. X'taħseb li kien xogħol l-awtur? Semmi żewġ affarijiet li jitfgħu dawl fuq dan.

b. Min taħseb li hija '**l-omm il-ġdida**'?

ċ. X'kulur kienu għajnejn iż-żgħira?

d. Għaliex taħseb li l-frażi '**iż-żgħira**' tinsab f'parenteżi?

e. Liema kelma fit-test ittik l-impressjoni li t-tarbija ma kinitx irqiqa?

**(20 marka)**